# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF JOSEPH AZZOPARDI**
**ONOR. IMĦALLEF JOSEPH R. MICALLEF**
**ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA**

**Seduta ta' nhar il-Ġimgħa, 27 ta' Marzu, 2020.**

**Numru 21**

**Rikors numru 920/19 LM**

**Fl-Atti tal-Mandat Eżekuttiv numru 634/2019MH maħruġ fid-29[1] ta' Mejju, 2019 fl-ismijiet:**

**Clement Mifsud Bonniċi fil-kapaċità tiegħu bħala mandatarju speċjali ta' *Radicati di Brozolo Sabatini Benedettelli Studio Legale Associato*, ditta ta' avukati estera bl-indirizz uffiċjali sitwat fi 15, Via Alberto da Giussano, Milan, bin-numru tal-VAT 08327620962, debitament rappreżentata mill-Professur Massimo Benedettelli**

**v.**

**Vertical Group Holding Limited (C–52240)**

**Il-Qorti:**

1. Dan huwa appell imressaq mill-eżekutant Avukat Clement Mifsud Bonniċi fil-kwalità tiegħu hawn imsemmija (minn issa 'l hemm imsejjaħ "l-

[1] Fil-fatt, minn eżami tal-atti tal-imsemmi Mandat, jidher li dan inħareġ fit-22 ta' Mejju, 2019

appellant") minn provvediment mogħti mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-4 ta' Diċembru, 2019, (minn issa 'l hemm imsejjaħ "id-digriet appellat"), li bih u għar-raġunijiet imsemmija, dik il-Qorti laqgħet talba magħmula mill-kumpannija rikorrenti eżekutata Vertical Group Holding Limited (minn issa 'l hemm imsejħa "Vertical") b'rikors tagħha tas-16 ta' Settembru, 2019, għat-tħassir tal-Mandat ta' Sekwestru Eżekuttiv fuq imsemmi maħruġ kontriha fid-29 ta' Mejju, 2019 (minn issa 'l hemm imsejjaħ "il-Mandat");

2. Vertical kienet talbet it-tħassir tal-imsemmi Mandat minħabba li tgħid li dan inħareġ fuq is-saħħa ta' digriet inġuntiv telematiku ("*decreto ingiuntivo telematico*") maħruġ kontriha mill-Qorti ta' Milan fl-Italja fit-30 ta' Ottubru, 2017, bla ma kienet saret in-notifika tiegħu lil Vertical kif mitlub mil-liġi u bla ma din kellha opportunità tikkontesta l-imsemmi degriet;

3. L-appellant *nomine* ta eżekutanti intimata laqgħet għat-talba ta' Vertical bi Tweġiba mressqa fl-14 ta' Ottubru, 2019, li biha u għar-raġunijiet hemm imfissra, qalet li n-notifika tad-degriet telematiku kienet saret sewwa u kif titlob il-liġi u għalhekk dik il-Qorti ma kellhiex tilqa' t-talba tal-eżekutata;

4. Il-Mandat inħareġ fuq is-saħħa ta' titolu eżekuttiv imfisser hekk: "*ammonti dovuti mis-sekwestrata lis-sekwestranti ai termini ta' decreto*

*ingiuntivo telematico numru 26664/2017 maħruġ mit-Tribunale di Milano fit-30 ta' Ottubru 2017 u li ġie debitament notifikat fuq is-sekwestranti (sic) skont Regolament (KE) 1393/2007 mill-Avukat Ġenerali fit-8 ta' Frar 2018 .. .. Illi dan id-decreto ingiuntivo telematico ġie ċertifikat mit-Tribunale di Milano fl-4 ta' April 2019 bħala European Enforcement Order (Ordni Ewropew ta' Infurzar) ai termini ta' Regolament (KE) 805/2004 li joħloq Ordni Ewropew ta' Infurzar għal talbiet mhux kontestati .. .. .. Illi l-eżekuzzjoni ta' dan l-Ordni Ewropew ta' Infurzar permezz ta' dan il-mandat ta' sekwestru eżekuttiv qiegħed tintalab ai termini tal-Artikolu 20 tar-Regolament (KE) 805/2004 .. ..*". Il-Mandat inħareġ fit-22 ta' Mejju, 2019;

5. Id-Digriet appellat qiegħed jinġieb fil-partijiet rilevanti tiegħu biex wieħed jifhem aħjar l-appell li tressaq, u jgħid hekk:

> "*Il-proċedura odjerna ssegwi l-ħruġ ta' mandat ta' sekwestru eżekuttiv li l-intimati eżekutanti f'din l-istanza kienu kisbu fil-konfront tas-soċjetà rikorrenti eżekutata, liema mandat ta' sekwestru eżekuttiv inħareġ wara digriet inġuntiv telematiku mill-Qorti ta' Milan tat-30 ta' Ottubru, 2017. L-ilment prinċipali tas-soċjetà rikorrenti eżekutata huwa li hija ma kinitx ġiet debitament notifikata b'dan id-digriet skont il-liġi, għaliex id-digriet u l-inkartament kollu assoċjat miegħu, kienu tħallew ma' persuna li m'għandha l-ebda konnessjoni mas-soċjetà rikorrenti eżekutata, u għalhekk is-soċjetà rikorrenti eżekutata ma ngħatatx l-opportunità li tikkontesta dan id-digriet. Is-soċjetà rikorrenti eżekutata sostniet li hija kellha kull interess li tikkontesta t-talbiet tal-intimati eżekutanti, li l-jedd pretiż tagħhom huwa li huma krendituri ċerti u likwidi tas-soċjetà rikorrenti eżekutata fis-somma ta' tlieta u għoxrin elf u tmien mitt Euro (€23,800), minħabba nuqqas ta' qbil dwar l-ammont pretiż mill-intimati eżekutanti. Huwa għalhekk li s-soċjetà rikorrenti eżekutata qiegħda tagħmel talba ai termini tal-artikolu 281 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, għat-tħassir tal-mandat ta' sekwestru eżekuttiv numru 634/2019.*

*"L-intimati eżekutanti eċċepew li r-rikors tar-rikorrenti eżekutata għandu jiġi miċħud peress li din ma ressqet l-ebda provi dokumentarji in sostenn tal-pretensjonijiet tagħha, kif jitlob l-artikolu 281(1) tal-Kapitolu 12. Fuq kollox intqal li n-notifika tad-decreto ingiuntivo telematico saret b'mod regolari, peress li d-dokumenti tħallew fl-uffiċċju reġistrat tas-soċjetà rikorrenti, u dawn id-dokumenti tħallew ma' impjegata li taħdem mal-kumpannija DMAX & Associates Limited li għandha l-istess indirizz tal-uffiċċju reġistrat tas-soċjetà rikorrenti eżekutata. Ġie eċċepit ukoll li ladarba s-soċjetà rikorrenti eżekutata naqset milli tikkontesta d-decreto ingiuntivo telematico fit-terminu ta' żmien preskritt bil-liġi Taljana għal dan l-iskop, hija tilfet d-dritt li tikkontesta l-imsemmi digriet, bil-konsegwenza li dan id-digriet la jista' jiġi kkontestat quddiem il-Qrati Taljani u lanqas quddiem il-Qorti Maltija.*

*"**<u>Provi u riżultanzi</u>***

*"Flimkien mar-risposta tagħhom, l-intimati ppreżentaw estratt mir-Reġistru tal-Kumpanniji bid-dettalji tal-uffiċċju reġistrat tas-soċjetà DMAX & Associates Limited (C 37818)[2]; id-dettalji tal-uffiċċju reġistrat tas-soċjetà Vertical Group Holding Limited (C 52240), li jirriżulta li huwa l-istess indirizz ta' DMAX & Associates Limited[3]; estratt mill-profil tal-LinkedIn ta' Natalia Vella, li jirriżulta li hija direttur tal-kumpannija DMAX & Associates Limited[4]; kopja ta' email mibgħuta minn uffiċjal fl-Uffiċċju tal-Avukat Ġenerali ta' Malta bħala l-aġenzija li tirċievi, lill-Avukat Federica Serrantoni, fejn din infurmatha li n-notifika lil Vertical Group Holding Limited kienet saret fis-6 ta' Frar, 2018[5]; kopja ta' ittra rogatorja li l-uffiċċju tal-Avukat Ġenerali ta' Malta bagħat lil Vertical Group Holding Limited fit-2 ta' Frar, 2018, li permezz tagħha s-soċjetà rikorrenti eżekutata ġiet innotifikata bil-proċeduri fil-konfront tagħha, ai termini tal-artikolu 187(1) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta[6]; kopja tar-rikors bl-inġunzjoni għall-ħlas li sar fit-Tribunal ta' Milan minn Radicati di Brozolo Sabatini Benedettelli fil-konfront tas-soċjetà rikorrenti eżekutata[7],minn fejn jirriżulta li l-pretensjoni tal-intimati eżekutanti hija għall-ħlas ta' dsatax-il elf, erba' mija u ħamsin Euro (€19,450) u spejjeż, li b'kollox jammontaw għas-somma ta' tlieta u għoxrin elf, u tmien mitt Euro u tnejn u għoxrin ċenteżmu (€23,800.22). L-intimati eżekutanti ppreżentaw ukoll kopja tal-Payment Order No. 26664/2017 tad-9 ta' Novembru, 2017, li ġiet maħruġa wara li ġie stabbilit li l-kreditu pretiż mid-ditta legali Radicati di Brozolo Sabatini Benedettelli huwa ċert, likwidu u dovut.[8] Din l-ordni tinkludi twissija lid-debituri, f'dan il-każ is-soċjetà rikorrenti eżekutata, li huma għandhom dritt jappellaw minn din l-ordni fi żmien ħamsin ġurnata min-notifika lilhom ta' din l-istess ordni, kif ukoll li f'każ li la jsir ħlas u lanqas jiġi intavolat appell, din l-ordni tidħol*

[2] *A fol*. 11 tal-proċess.
[3] *A fol.* 12 tal-proċess. L-uffiċċju reġistrat tas-soċjetà rikorrenti eżekutata huwa 'DMAX & Associates', Cat Lane, Swatar, Birkirkara.
[4] *A fol.* 14 tal-proċess.
[5] *A fol.* 16 tal-proċess.
[6] *A fol.* 19 tal-proċess.
[7] *A fol.* 21 tal-proċess.
[8] *A fol.* 40 tal-proċess.

*fis-seħħ u tiġi reża eżekuttiva. Il-konvenuti ppreżentaw ukoll kopja tal-Enforcement Order maħruġa mill-Qorti ta' Milan fil-konfront tas-soċjetà rikorrenti fl-24 ta' Settembru, 2018.*[9] *Din l-ordni tgħid illi:*

> *"We command to all Judicial Officers requested to that effect and to whomever may be required to enforce this title against:*
>
> *- Vertical Group Holding Limited (C.F. 00000052240)*
>
> *To the public prosecutor to assist in enforcement, and to all officials of the public enforcement authorities to contribute, when lawfully requested to do so."*

*"L-intimati eżekutanti ppreżentaw ukoll permezz ta' nota kopja ta' 'legal opinion' mogħtija mill-Prof. Avv. Massimo Benedettelli fl-14 ta' Ottubru, 2019.*[10]

*"Waqt l-udjenza tal-21 ta' Ottubru, 2019, is-soċjetà rikorrenti eżekutata ppreżentat l-affidavit ta'* ***Raymond sive Ray Debono***[11]*, li qal li huwa direttur tas-soċjetà DMAX & Associates Limited u tas-soċjetà 'The Business Hub (Malta) Limited'. Ix-xhud speċifika li l-kumpannija 'The Business Hub (Malta) Limited tipprovdi servizzi ta' uffiċini bħala indirizz tal-uffiċċju reġistrat lill-kumpannija Vertical Group Holding Limited. Ix-xhud qal li s-soċjetà DMAX & Associates Limited hija kumpannija separata li toffri servizzi ta' marketing, software u web design. Ix-xhud qal li huwa l-kuntatt ewlieni bejn is-soċjetà The Business Hub (Malta) Limited u Vertical Group Holding Limited, għalkemm żied jgħid li huwa m'għandu l-ebda kariga mas-soċjetà rikorrenti eżekutata. Qal ukoll li s-Sinjura Natalia Vella hija impjegata tas-soċjetà DMAX & Associates Limited, u m'għandha l-ebda kariga jew funzjoni ma' The Business Hub (Malta) Limited, u lanqas mas-soċjetà Vertical Group Holding Limited. Ix-xhud ikkonkluda billi qal li Natalia Vella ma kinitx ingħatat struzzjonijiet sabiex taċċetta xi dokumenti uffiċjali għan-nom tas-soċjetà Vertical Group Holding Limited.*

*"**Konsiderazzjonijiet legali***

*"Il-Qorti qiegħda tintalab mis-soċjetà rikorrenti eżekutata sabiex tirrevoka tħassar l-mandat ta' sekwestru eżekuttiv numru 634/2019 MH a tenur tal-artikolu 281 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, minħabba dak li ssostni li kienet irregolarità fil-mod kif saret in-notifika tad-digriet inġuntiv telematiku maħruġ mill-Qorti ta' Milan, wara li dan l-istess digriet tħalla ma' persuna li s-soċjetà rikorrenti eżekutata tgħid li m'għandha l-ebda konnessjoni magħha.*

*"Tqis illi l-intimati eżekutanti kellhom pretensjoni ta' ħlas b'rabta ma' servizzi legali pprovduti minnhom lis-soċjetà rikorrenti eżekutata, u li fil-*

[9] *A fol.* 60 tal-proċess.
[10] *A fol.* 66 u *a fol.* 72 tal-proċess.
[11] *A fol.* 78 tal-proċess.

*fehma tagħhom dan id-dejn kien wieħed ċert, likwidu u dovut. Kien għalhekk li l-intimati eżekutanti ressqu azzjoni quddiem il-Qrati Taljani sabiex tinħareġ inġunzjoni fil-forma ta' Decreto Ingiuntivo fil-konfront tas-soċjetà rikorrenti eżekutata fejn din ġiet ordnata tħallas dak dovut minnha. Jirriżulta li l-Qorti fl-Italja ordnat in-notifika ta' din l-inġunzjoni lis-soċjetà rikorrenti eżekutata, b'terminu ta' ħamsin ġurnata biex tersaq għall-ħlas, inkella setgħet topponi għat-talbiet tal-intimata eżekutanta. F'każ li ma jsir ebda ħlas u ma titressaq ebda oppożizzjoni mill-allegat debitur entro t-terminu mogħti lilu, l-imsemmija ingunzjoni tiġi reża eżekuttiva.*

*"Jirriżulta li filwaqt li l-inġunzjoni bid-dokumenti relattivi ntbagħtu fl-Uffiċċju tal-Avukat Ġenerali fl-1 ta' Diċembru, 2017, fis-6 ta' Frar, 2018 dawn id-dokumenti tħallew fl-uffiċċju reġistrat tas-soċjetà rikorrenti eżekutata, li huwa l-istess uffiċċju ta' DMAX & Associates Limited. Mir-riferta jirriżulta li dawn id-dokumenti tħallew ma' ċerta Natalia Vella, impjegata ta' DMAX & Associates Limited.*

*"Raymond Debono, direttur ta' DMAX & Associates Limited, fix-xhieda tiegħu qal li filwaqt li huwa minnu li s-soċjetà rikorrenti eżekutata għandha l-uffiċċju reġistrat tagħha fl-istess indirizz fejn jinsabu l-uffiċini ta' DMAX & Associates Limited, madanakollu Natalia Vella hija impjegata ta' DMAX & Associates Limited, u m'għandha l-ebda konnessjoni jew xi forma ta' mandat mingħand is-soċjetà rikorrenti eżekutata sabiex taċċetta ittri jew atti f'isem is-soċjetà rikorrenti eżekutata.*

*"Tqis dak illi kien intqal mill-Qorti tal-Appell fid-deċiżjoni fl-ismijiet* ***Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud vs. Medairco Ltd.***[12]*, fejn kienet iċċitat dak li kienet qalet l-Ewwel Qorti fil-konsiderazzjonijiet tagħha:*

> *"Jibda biex jingħad li l-liġi tal-Proċedura u Organizzazzjoni Ċivili, Kap. 12 hija ta' ordni pubbliku u trid tiġi osservata ad litteram. Vol. XVII p. 1 p. 879;*
>
> *"Il-liġi ta' proċedura hi ta' ordni pubbliku u kwindi għandha tiġi osservata alla lettera e non per equipollens.*
>
> *"Ir-rekwiżiti ta' notifika korretta huma ta' natura ta' ordni pubbliku u bħala tali għandhom jiġu osservati ad unguem (ara Qorti tal-Appell, 14.06.2001,* ***Maltacom plc vs Carmel u Mary Doris Muscat****).*
>
> *"Fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell tas-7 ta' Lulju 2003 fl-ismijiet* ***Said International Limited vs MAC Limited et*** *ingħad li:*
>
> *"Huwa indiskuss li n-notifika ta' atti ġudizzjarji hi regolata bid-dispożizzjonijiet speċifiċi fil-Kodiċi ta' Proċedura (Kap. 12) u li l-validità tagħha tista' biss treġi jekk jiġi pprovat konklussivament li n-notifika saret skont kif fl-istess dispożizzjonijiet maħsub."*

[12] 11.11.2011.

*"Fl-istess deċiżjoni sar riferiment ukoll għal dak li kienet qalet il-Qorti tal-Appell f'deċiżjoni fl-ismijiet* ***Xanthippe Shipping Limited vs. Kontrollur tad-Dwana***[13]*:*

> *"Il-kwistjoni tan-notifika ta' att ġudizzjarju li għandha ssir lill-kumpannija hi ben definita fil-liġi, partikolarment il-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Skont din il-liġi, fil-każ ta' korp li jkollu personalità ġuridika distinta, in-notifika lil dak il-korp għandha ssir billi titħalla kopja tal-iskrittura (Art. 187 (4) (b) f'idejn persuna jew persuni li jkollhom ir-rappreżentanza ġuridika ta' dak il-korp jew segretarju tal-kumpannija jew persuna oħra li tkun awtorizzata bil-miktub minn dak il-korp sabiex tippreżenta atti ġudizzjarji f'ismu (Art. 181 (2),) u dan bil-mod indikat fl-Art. 187 (1), u ċioe billi dik il-kopja titħalla f'idejn membru tal-familja, jew tad-dar, jew f'idejn wieħed fis-servizz ta' dik il-persuna jew f'idejn il-prokuratur tagħha jew persuna awtorizzata minnha biex tirċievi l-posta tagħha, fil-lok fejn toqgħod jew taħdem jew fil-post tax-xogħol jew fl-indirizz postali tagħha."*

*"Il-Qorti tirrileva li mill-provi prodotti fl-atti ta' din il-proċedura, ma jirriżultax li l-persuna li rċeviet l-atti, Natalia Vella, hija impjegata tas-soċjetà rikorrenti eżekutata, u lanqas ma jirriżulta li din għandha r-rappreżentanza ġuridika ta' imsemmija kumpannija, jew għandha xi forma ta' awtorizzazzjoni sabiex tirċievi atti ġudizzjarji f'isem l-istess kumpannija. Għall-kuntrarju jirriżulta li Natalia Vella kienet impjegata ta' DMAX & Associates Limited, kumpannija li minkejja li għandha l-istess uffiċċju reġistrat bħas-soċjetà rikorrenti eżekutata, m'għandha x'taqsam xejn magħha. In vista ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, il-Qorti hija tal-fehma li n-notifika tal-att inkwistjoni ma saritx bil-mod kif preskritt mil-liġi, u għalhekk ser tordna t-tħassir tal-mandat*";

6. Fir-Rikors tal-Appell imressaq minnu fl-10 ta' Diċembru, 2019, l-appellant *nomine*, għar-raġunijiet hemm imfissra, talab lil din il-Qorti biex tirrevoka d-digriet appellat, bl-ispejjeż ta' din l-istanza kontra Vertical;

7. Dakinhar li ressaq l-imsemmi Rikors tal-Appell, l-appellant ressaq ukoll rikors ieħor[14] biex jitlob lil din il-Qorti tħallih idaħħal fl-atti dokumenti li huwa hemeż mal-istess rikors u li bihom ried juri li l-ewwel Qorti kienet tqarrqet bix-xhieda mismugħa quddiemha;

[13] 30.11.2007.
[14] Paġġ. 113A – 114 tal-proċess

8. Vertical wieġbet għall-appell b'Risposta li ressqet fis-27 ta' Jannar, 2020, u li biha u għar-raġunijiet hemm imfissra, qalet li d-digriet appellat huwa ġust u jimmerita li jiġi konfermat;

9. Semgħet it-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet waqt is-smigħ tal-11 ta' Frar, 2020;

10. Rat l-atti kollha tar-Rikors u tal-Mandat li għalih jirreferi;

11. Rat li l-appell tħalla għal-lum għas-sentenza;

***Ikkunsidrat:***

12. Illi l-appellant qiegħed jikkontesta deċiżjoni li biha l-ewwel Qorti sabet li kien hemm raġuni tajba biex tħassar att eżekuttiv. Id-digriet appellat jidher li qagħad b'mod partikolari fuq l-aspett tas-siwi tan-notifika lil Vertical bl-att (maħruġ minn qorti barranija) li bih inħalaq it-titolu eżekuttiv li, bis-saħħa tiegħu, inħareġ il-Mandat. Dan l-aspett kien il-qofol tar-rikors imressaq minn Vertical biex titlob it-tħassir tal-Mandat. It-titolu eżekuttiv li bis-saħħa tiegħu nħareġ il-Mandat huwa d-degriet inġuntiv telematiku maħruġ mit-Tribunal Ordinarju ta' Milan, fl-Italja, fid-9 ta'

Novembru, 2017[15]. In-notifika ta' dak id-degriet saret bis-saħħa ta' ittra uffiċjali maħruġa fit-2 ta' Frar, 2018[16] mill-Avukat Ġenerali bħala l-aġenzija li tirċievi, għall-finijiet tar-Regolament Komunitarju 1393/07KE u għall-finijiet tal-artikolu 187 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta. In-notifika tal-imsemmi att ġudizzjarju u tad-dokument mehmuż miegħu (kopja tad-degriet inġuntiv telematiku) saret fl-indirizz reġistrat ta' Vertical fis-6 ta' Frar, 2018, u tħalla f'idejn waħda Natalia Vella. Billi ma tressqet l-ebda kontestazzjoni għat-talba fiż-żmien mogħti mil-liġi taljana u kif imsemmi fl-istess degriet, l-istess degriet sar eżekuttiv u eżegwibbli;

13. Illi fl-appell tiegħu, l-appellant *nomine* jgħid li jħossu aggravat mid-digriet appellat u ressaq **tliet aggravji** minnu, li fissirhom hekk: (i) li Ordni ta' Infurzar ma jippermettix lill-qorti ta' eżekuzzjoni milli tirrevedi l-proċedura jew is-sustanza tas-sentenza li qed tiċċertifika; (ii) l-eżistenza ta' Ċertifika ta' Tlestija maħruġ mill-Uffiċċju tal-Avukat Ġenerali f'Malta huwa prova biżżejjed li n-notifika saret sewwa; u (iii) li, f'kull każ, in-notifika tal-atti ġudizzjarji li bihom inbdew il-proċeduri tad-digriet inġuntiv telematiku u kif ukoll tan-notifika tad-digriet innifsu saru kif titlob il-liġi;

14. Illi l-appellata twarrab dawn l-aggravji u tgħid li, tħares minn fejn tħares lejn iċ-ċirkostanzi li jsawru l-każ, jirriżulta li n-notifika tal-atti ma saritx sewwa u l-ewwel Qorti għamlet sewwa li ħassret il-Mandat maħruġ

[15] Dok f'paġ. 38 tal-proċess
[16] Dok f'paġġ. 50 – 1 tal-proċess

bis-saħħa ta' dawk il-proċeduri għaliex is-siwi tan-notifika kienet tolqot il-qalba tas-siwi tat-titolu eżekuttiv li dawk il-proċeduri riedu joħolqu;

15. Illi tajjeb li wieħed iżomm quddiem għajnejh li l-proċedura mnedija minn Vertical tirrigwarda **atti** eżekuttivi u mhux **titoli** eżekuttivi u għalhekk, fi proċedura bħal dik, il-Qorti ma tidħolx fil-kwestjoni tas-siwi ta' xi titolu eżekuttiv li bis-saħħa tiegħu jkun inħareġ xi Mandat[17]. Fit-tieni lok, il-liġi trid ukoll[18] li ħadd ma għandu jitħalla jagħmel oppożizzjoni għall-eżekuzzjoni ta' Mandat, ħlief wara li tkun saret l-eżekuzzjoni;

16. Illi fil-kwestjoni li l-Qorti għandha quddiemha, l-att eżekuttiv huwa l-Mandat ta' Sekwestru li nħareġ taħt il-kawżali hemm speċifikata;

17. Illi r-rimedju mogħti bl-artikolu 281 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta huwa sewwasew dak li jara jekk att eżekuttiv, maħruġ wara ordni minn qorti kompetenti u fuq is-saħħa ta' titolu eżekuttiv, għandux jitħassar, għal kollox jew f'biċċa minnu, fuq talba ta' xi persuna li tagħti lil dik il-Qorti raġuni valida għal tali tħassir;

18. Illi li l-għan li għalih iddaħħal ir-rimedju taħt l-artikolu 281 fil-Kodiċi tal-Proċedura huwa marbut ma' xi għelt jew nuqqas fl-att eżekuttiv innifsu,

[17] Ara, per eżempju, App. Ċiv. **1.12.2000** fil-kawża fl-ismijiet ***Briffa vs Stones Properties Ltd. noe*** (Kollez. Vol: **LXXXIV.ii.1401**) u App. Ċiv. **25.5.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***K.T.I. vs Serge*** (Kolleż. Vol: **LXXXV.ii.414**)
[18] Art. 276 tal-Kap 12

li, bis-saħħa tiegħu, il-parti eżekutata tbati preġudizzju u dan billi jsir eżami formali tal-att li tiegħu qiegħed jintalab it-tħassir[19]. Il-Qorti tistħarreġ li r-rekwiżiti mitluba mil-liġi għall-ħruġ tal-Mandat ikunu tħarsu u jkunu jidhru mill-att eżekuttiv innifsu, u li dak il-Mandat ma jkunx inħareġ b'mod abbużiv[20]. Kemm hu hekk, l-ewwel kliem tas-subartikolu (1) tal-artikolu 281 jagħmluha ċara li r-rimedju mogħti lir-rikorrent jingħata bla ħsara għal kull jedd ieħor taħt l-istess Kodiċi jew xi liġi oħra;

19. Illi l-liġi tagħna tgħid li biex jitħassar att eżekuttiv taħt il-proċedura maħsuba fl-artikolu 281 trid tinġieb "raġuni valida", imma ma tagħti l-ebda ħjiel x'tista' tkun raġuni bħal din. In ġenerali, jista' jingħad li Mandat jista' biss jiġi attakkat kemm-il darba jkun inħareġ minn Qorti żbaljata jew jekk ikun hemm xi difett fil-forma[21]. Għalhekk, l-istħarriġ li din il-Qorti trid tagħmel dwar it-talba mressqa quddiemha għandu jkun wieħed fil-parametri stretti tal-azzjoni kif proposta. Xogħol il-Qorti f'din il-proċedura huwa li tara li tagħmel ħaqq mal-partijiet għaliex wara kollox, fi proċedura bħal din, ikun hemm dejjem xi titolu eżekuttiv (bħal sentenza, taxxa ġudizzjarja jew kuntratt) li minnu nnifsu jkun stabilixxa l-mertu tal-kwestjoni. Din il-Qorti, fl-istħarriġ li jmissha tagħmel fi proċedura bħal din, ma tinbidilx f'Qorti ta' reviżjoni ulterjuri tal-ilmenti fil-mertu dwar it-titolu li jkun;

---

19 App. Inf. PS **9.1.2008** fil-kawża fl-ismijiet ***Awtorità Marittima ta' Malta vs Polidano Brothers Ltd***

20 Ara P.A. GV **19.11.2008** fl-atti tar-rikors fl-ismijiet ***Kummissarju VAT vs Mark Grima et noe et***

21 P.A. AJM **14.11.1994** fil-kawża fl-ismijiet ***Josephine Spiteri vs Anthony Perry et*** (degriet interlokutorju)

20. Illi, b'żieda ma' dan, l-azzjoni maħsuba taħt l-artikolu 281 tgħodd fejn issir talba għat-tħassir, għal kollox jew f'parti minnu, tal-att eżekuttiv, u mhux fejn tintalab is-sospensjoni tal-effetti tiegħu[22]. Is-sospensjoni tal-effetti ta' Mandat tintalab b'azzjoni ordinarja quddiem il-Qorti kompetenti skond l-artikolu 156 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta[23];

21. Illi l-Qorti tagħraf li t-tifsir tal-liġi mill-qrati jimxi maż-żmien u fis-sistema Malti mhuwiex marbut tabilfors max-xejra jew is-saħħa ta' sentenzi li jkunu ngħataw qabel fuq il-kwestjoni. B'daqshekk ukoll ma jfissirx li meta tinqala' kwestjoni li dwarha ma tkunx ingħatat fehma minn qabel minn xi qorti, jintesa kulma jkun ingħad qabel u jitfasslu raġunamenti ġodda bil-ħsieb li jipprovdu rimedju għal kwestjoni bħal dik. Il-Qorti tgħid dan għaliex tagħraf li t-tħassir ta' Mandat eżekuttiv iġib miegħu effetti radikali li jeħilsu lill-parti eżekutata jew lil xi parti oħra mdaħħla fl-atti ta' dak il-Mandat mir-rabta tal-ordni li jkun ingħata bil-ħruġ tal-Mandat, u dan bil-konsegwenzi kollha li dan iġib miegħu għall-kreditur eżekutant;

22. Illi fl-**ewwel aggravju** tiegħu l-appellant *nomine* jgħid li l-eżerċizzju magħmul mill-ewwel Qorti fid-degriet appellat kien wieħed ta' reviżjoni tal-proċedura jew tas-sentenza maħruġa bis-saħħa tal-Ordni Ewropew ta'

---

[22] Ara, b'eżempju, P.A. AJM **5.3.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Terranet Ltd vs Linknet Ltd. et***; u App. Ċiv. **5.2.2002** fil-kawża fl-ismijiet ***Persiano et vs Persiano*** (Kollez. Vol: **LXXXVI.ii.257**)
[23] App. Ċiv. **14.12.2018** fl-atti tal-Mandat Eżekuttiv fl-ismijiet ***Catherine Imperia Caruana vs Olena Caruana Verbytska***

Infurzar. Huwa jgħid r-Regolament Komunitarju[24] relattiv jagħti lid-debitur f'Ordni bħal dak għażla limitata meta jista' jitlob ir-rifjut tal-infurzar mill-Qorti fl-Istat Membru tal-Infurzar, u dawk ir-raġunijiet ma kinux jgħoddu għall-każ tallum;

23. Illi, min-naħa tagħha, l-appellata tgħid li l-aggravju ma jindirizzax il-qofol tal-kontestazzjoni li hija kienet ressqet dwar it-titolu eżekuttiv li fuqu ħareġ il-Mandat. Hija tgħid li l-kontestazzjoni tagħha għas-siwi tal-Mandat ġejja mis-siwi tan-notifika u mhux dwar jekk id-digriet inġuntiv telematiku kienx rikonċiljabbli jew le ma' xi sentenza mogħtija qabel, kif irid ir-Regolament;

24. Illi din il-Qorti temmen li jekk għandha żżomm il-kunsiderazzjonijiet tagħha f'dan l-appell fil-parametri tal-eżerċizzju li qorti għandha twettaq fi proċedura taħt l-artikolu 281 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta (li, wara kollox, hija l-proċedura magħżula mill-appellata), trid tara li ma tidħolx fil-kwestjoni tas-siwi tat-titolu li bis-saħħa tiegħu nħareġ il-Mandat;

25. Illi, fil-fehma tagħha, ir-raġuni miġjuba minn Vertical fir-rikors promotur tagħha biex titlob it-tħassir tal-Mandat ma kinitx raġuni li tinvolvi s-siwi tal-istess Mandat imma s-siwi tat-titolu eżekuttiv li bis-saħħa tiegħu nħareġ;

[24] Art. 21(1) tar-Reg 805/04KE

26. Illi l-Qorti hija tal-fehma li d-digriet inġuntiv telematiku kiseb saħħa eżekuttiva[25] hekk kif għadda ż-żmien imsemmi fih[26] u baqa' ma sarx il-ħlas mitlub lill-kreditur jew ma saritx il-kontestazzjoni tiegħu f'waqtha. Il-fatt li Vertical tikkontesta s-siwi tan-notifika li jidher li saritilha ma jfissirx awtomatikament li dak it-titolu eżekuttiv ma jeżistix: sakemm ma jitwaqqax bit-teħid tal-proċedura xierqa u sakemm ma jitħassarx mill-qorti li ħarġitu, dak it-titolu jibqa' *prima facie* jgħodd. Dan huwa t-tħaddim tar-regola proċedurali ewlenija li sentenzi u provvedimenti li jkunu saru eżegwibbli *pro veritate habetur* u s-siwi tagħhom jitqies stabbilit sakemm ma jitwaqqax b'mod ieħor bil-proċedura xierqa;

27. Illi din il-Qorti għarfet[27], bi qbil mal-linja ta' deċiżjonijiet li ilhom jingħataw għal bosta snin, li l-proċedura maħsuba taħt l-imsemmi artikolu 281 hija maħsuba li tattakka l-Mandat eżekuttiv u mhux it-titolu li bis-saħħa tiegħu nħareġ, u li min irid jattakka t-titolu eżekuttiv ma jmissux jinqeda b'din il-proċedura, sakemm ma jintweriex li t-titolu eżekuttiv ma jkunx jeżisti. F'dan il-każ, Vertical ma tgħidx li t-titolu ma jeżistix, imma li ma jiswiex, u ma setax ikun mod ieħor, għaliex l-atti tal-kawża juru li dak it-titolu nħalaq u l-eżekutività tiegħu attestata kif imiss;

28. Illi din il-Qorti hija tal-fehma li l-ewwel Qorti – indotta mil-lanjanza waħdanija ta' Vertical li tikkontesta s-siwi tan-notifika tad-digriet inġuntiv

---

[25] Art. 647 tal-CPC
[26] Art. 641(2) tal-CPC
[27] Ara App. Ċiv. **8.2.2019** fl-atti tar-Rikors għar-revoka ta' Mandat Eżekuttiv fl-ismijiet ***Marlon Borġ noe vs M.v. Bright Star*** § 11

telematiku – wettqet kunsiderazzjonijiet li jmorru lil hinn minn dawk li huma mistennija fil-proċedura maħsuba fl-artikolu 281, għaliex ma kien hemm qatt id-dubju jekk it-titolu eżekuttiv li fuq is-saħħa tiegħu nħareġ il-Mandat kienx jeżisti, imma jekk kienx jiswa f'każ li n-notifika tiegħu ma saritx sewwa. Dan jgħodd ukoll kieku t-titolu eżekuttiv li bis-saħħa tiegħu nħareġ il-Mandat kien wieħed li tnissel f'Malta. Il-liġi tal-pajjiż li fih inħareġ id-digriet tipprovdi wkoll kif u fejn setgħet issir kontestazzjoni tat-titolu eżekuttiv miksub b'digriet bħal dak[28]. Minbarra dan, skond ir-Regolament Komunitarju rilevanti, il-kontestazzjoni tas-siwi fis-sustanza ta' titolu eżekuttiv maħluq f'ġurisdizzjoni oħra ma ssirx quddiem il-Qorti tal-infurzar[29], iżda quddiem qorti tal-istat imsieħeb li minnha jkun inħareġ it-titolu eżekuttiv. Il-liġi tagħna trid li, fi kwestjonijiet li jirrigwardaw l-eżekuzzjoni ta' sentenzi mogħtija minn xi qorti barranija fi Stat Imsieħeb, ir-Regolamenti tal-Unjoni Ewropea jipprevalu fuq id-dispożizzjonijiet proċedurali tal-liġi ta' Malta safejn ikunu differenti minnha[30];

29. Illi minħabba f'dawn il-kunsiderazzjonijiet, din il-Qorti ma tistax taqbel mar-raġunament magħmul mill-ewwel Qorti biex tqis it-talba ta' Vertical għat-tħassir tal-Mandat. Għalhekk, l-aggravju huwa mistħoqq u sejjer jintlaqa';

[28] Art. 650 tal-CPC
[29] Art. 21(2) tar-Reg. 805/04
[30] Art. 825A tal-Kap 12

30. Illi fid-dawl ta' din il-fehma, l-Qorti ma għandhiex għalfejn tistħarreġ l-aggravji l-oħrajn tal-appellant *nomine* u lanqas ir-risposti dwarhom tal-appellata. Dawn ukoll jolqtu l-aspett tas-siwi tan-notifiki u tal-allegazzjoni ta' Vertical li ma kinitx laqgħet in-notifika tassew;

***Decide:***

31. Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-appell billi:

**Tilqa' l-appell** tal-eżekutant *nomine* u għalhekk qiegħda tħassar il-provvediment appellat mogħti mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-4 ta' Diċembru, 2019, fl-atti tal-Mandat Eżekuttiv fl-ismijiet premessi, billi tiċħad it-talba tal-kumpannija eżekutata Vertical Group Holding Limited għat-tħassir tal-Mandat maħruġ kontriha, bl-**ispejjeż ta' dan l-appell** kontra l-istess eżekutata.

| | | |
|---|---|---|
| Joseph Azzopardi<br>Prim Imħallef | Joseph R. Micallef<br>Imħallef | Tonio Mallia<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
rm